MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 1/2003

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju 2003**

**Numru 2**

**Rikors numru 1/2003**

**Leonarda Cauchi**

**vs**

**Maria Apap**

**Ic-Chairman;**

Ra r-rikors ta' Leonarda Cauchi pprezentat fid-9 ta' Mejju 2003 fejn wara li ppremettiet illi hija tikri lill-intimata bicca

raba' maghrufa bhala "Ta' Wara l-Bjut" fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex konsistenti fi tlett porzjonijiet u cioè:

(a) bicca raba' tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal mija u sebgha u tmenin punt tlieta metri kwadri (187.3m.k.) konfinati min-nofsinhr ma' beni ta' Leonarda Cauchi, punent ma' beni ta' Ganni Grima u lvant ma' beni ta' Maria Apap;
(b) bicca raba' tal-kejl ta' cirka nofs siegh pari ghal tlieta u disghin punt hamsa u sittin metri kwadri (93.65m.k.) konfinanti min-nofsinhar ma' beni ta' Maria Apap, mil-lvant ma' beni ta' Leonarda Cauchi u mill-punent ma' beni ta' Frans Cauchi; u
(c) bicca raba' tal-kjel ta' cirka siegh u nofs pari ghal mitejn u tmenin punt hamsa u disghin metri kwadri (280.95m.k.) konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Leonarda Cauchi, min-nofsinhar ma' beni ta' Maria Apap u punent in parti ma' beni ta' Salvu Grima u in parti ma' beni ta' Tony Cauchi,

liema raba' jinsab lokal lill-intimata versu l-qbiela ta' hamsa u sebghin centezmu (Lm0.75c) pagabbli f'Awissu ta' kull sena b'lura.

Illi l-intimata m'ghadhiex tahdem din l-istess raba' u fil-fatt minghajr il-kunsens ta' l-esponenti issullokat jew ittrasferiet jew cediet l-istess porzjon raba' lil terzi persuni.

Talbet lil dan il-Bord joghgbu prevja l-likwidazzjoni ta' kwalsiasi kumpens li jista' ikun dovut lill-intimata ai termini ta' l-artiklu 4(4) tal-Kap. 199, jawtorizza r-ripreza tal-pussess ta' l-art fuq imsemmija mir-rikorrenti wara l-iskadenza li jmiss.

Ra r-riferta pozittiva ta' l-intimata li ggib id-data ta' l-10 ta' Gunju 2003.

Semghet lil Carmelo Cauchi prodott mir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-art mertu ta' din il-kawza kienet giet mghoddija minghajr il-kunsens ta' martu lil terzi persuni li ma kellhom l-ebda parentela maghhom.

Ic-Chairman, ghalhekk wara li ra l-artiklu 4(2)(c) tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta u peress illi jirrizulta illi l-intimata issullokat il-kirja jew ittrasferiet mod iehor l-istess kirja minghajr il-kunsens tas-sid lil persuna ohra li ma tkunx xi kerrej iehor ta' l-istess raba' jew membru tal-familja taghha.

Ghalhekk billi jirrizulta illi l-talba tar-rikorrenti ghat-termninazzjoni ta' din il-kirja hija gustifikata, tilqa' it-talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi l-pussess ta' l-ghalqa indikata fir-rikors u dan wara l-hmistax (15) ta' Awissu ta' din is-sena.

Billi t-talba tar-rikorrenti giet milqugha a tenur ta' l-artiklu 4(2)(c) m'ghandu jkun hemm ebda kumpens ghall-benefikati li setghet ghamlet l-intimata jew persuni minnha mqabbda biex jahdmu din ir-raba' .

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-istess intimata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------